MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 99/2009/1

**Marco u Anna konjugi Attard u**
**Joseph u Catherine konjugi Mercieca**

**v.**

**Ediana Attard**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell maghmul mill-atturi minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, fis-sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Generali, fit-12 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-atturi filwaqt li laqghet l-eccezzjoni tal-konvenuta, bl-ispejjez ikunu bla taxxa.

**Is-Sentenza Appellata**

2. Peress li s-sentenza appellata tikkontjeni b'mod konciz u komprensiv it-talbiet tal-atturi, l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, il-fatti u l-konsiderazzjonijiet li fuqhom l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha, din ser tigi riprodotta fl-intier taghha.

> "Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu li dikjarazzjoni li l-konvenju li ffirmaw fl-10 ta' Settembru 2009 hu validu u li l-konvenuta ghandha tigi kundannata tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh sabiex tixtri l-fond oggett tal-imsemmi konvenju, f'data, hin u lok li tistabilixxi l-qorti. Talbu wkoll il-hatra ta' kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci.
>
> "Il-konvenuta qeghda toggezzjona ghat-talba in kwantu ssostni li fid-data meta kellu jigi pubblikat l-att ta' bejgh u xiri, dan ma setax isir ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-atturi. Il-konvenuta ssostni li kienet gustifikata li ma tixtrix u nsistiet li jsir il-kuntratt fit-terminu miftiehem bil-kundizzjonijiet u obbligi pattwiti.
>
> "Permezz ta' nota prezentata fis-27 ta' Jannar 2010 il-konvenuta spjegat li n-nuqqasijiet min-naha tal-atturi kienu li sal-10 ta' Dicembru 2009:-
>
> a. "Il-partijiet komuni kienu ghadhom m'humiex lesti.

b. “L-appartament kien ghadu milqut minn garanzija favur Lombard Bank plc u l-atturi kienu ghadhom ma ghamlux l-arrangamenti sabiex il-bank jirrinunzja ghal tali garanzija in kwantu tirreferi ghall-appartament oggett tal-kawza. Ilment li mill-provi rrizulta li m’hemmx bazi ghalih (ara deposizzjoni tan-nutar Enzo Refalo a fol. 88.).
c. “Kien ghadu ma tlestix ix-xoghol addizzjonali li jissemma fi klawzoli 20 u 21 tal-konvenju.
d. “Kienu ghadhhom ma tnehhew il-katusi komuni mill-art tal-appartament li kienet ser tixtri l-attrici.

“Il-qorti rat in-noti ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

“**Fatti**.

“Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

a. “Fl-10 ta’ Settembru 2009 il-kontendenti ffirmaw konvenju (fol. 6) li bih il-konvenuta obbligat ruhha li tixtri appartament internament markat bin-numru 1, Block A fi blokk Imrik Garden Courts, Triq Guzeppi Bajada, Xaghra, Ghawdex ghall-prezz ta’ €69,500. Inkluz kien hemm sehem fil-partijiet komuni. Il-bejjiegha obbligaw ruhhom li jaghmlu x-xogholijiet fil-partijiet komuni, u liema xogholijiet huma elenkati fid-dokument a fol. 32. Xoghol li kien jinkludi s-sistema tal-elettriku, katusi tax-xita, bieb ta’ barra, kaxxi tal-ittri, cabinet ghal meters tad-dawl u ilma, madum u railing ghat-tarag, tqeghid ta’ aperturi fil-partijiet komuni, xoghol fuq il-faccata u hitan tal-partijiet komuni, waterproofing u xoghol fuq il-hitan tal-appogg. Fi klawzola tnax jinghad li l-ispiza ghat-tlestijia tal-partijiet komuni hi inkluza fil-prezz.
b. “Fil-konvenju jinghad li l-kuntratt kellu jsir mhux iktar tard minn tlett xhur mill-10 ta’ Settembru 2009.
c. “Fl-10 ta’ Dicembru 2009 l-atturi nterpellaw lill-konvenuta, permezz ta’ ittra ufficjali (fol. 18), sabiex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt.
d. “Fil-21 ta’ Dicembru 2009 il-konvenuta wiegbet permezz ta’ ittra ufficjali (fol. 19) li ghalkemm kienet lesta tixtri l-fond, pero kienu l-vendituri li naqsu milli jonoraw l-obbligi li assumew fuq il-konvenju u li kellhom jitwettqu qabel il-kuntratt. Spjegat li sa dakinhar *“Il-komun kien ghadu mhuwiex lest minkejja li l-blokka kienet ilha lesta ghal aktar minn sitt xhur, u tant il-blokka kien ilha lesta li fit-12 ta’ Marzu 2009, ghamiltu kuntratt iehor fl-atti tal-istess Nutar li permezz tieghu bieghtu l-penthouse lill-konjugi Tech.......”*.
e. “Fil-konvenju jinghad li x-xoghol fil-partijiet komuni kellu jitlesta sa mhux iktar tard minn *“.... six (6) months after completion of the said block “A” in shell form. The vendors shall be entitled to delay the installation of the elevator until all apartments in the said block are finished and completed”*. L-atturi jsostnu li l-bini tlesta f’Ottubru 2009 meta sar il-kontrabejt (ara verbal tas-seduta tal-5 ta’ Frar 2010 a fol. 66)
f. “L-atturi riedu li jgeddu l-konvenju pero l-konvenuta rrifjutat u tippretendi li l-konvenju m’ghadux jorbot.

“**Konsiderazzjonijiet**.

1. “Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jipprovaw igieghlu lill-konvenuta sabiex tixtri l-fond in kwistjoni, kif obbligat ruhha li taghmel bil-weghda ta’ xiri u bejgh li saret fl-10 ta’ Settembru 2009.

2. “Mill-provi rrizulta li l-konvenju li ntuza kien diga’ ntuza f’negozju iehor dwar proprjeta li qeghda fl-izvilupp li ghamlu l-atturi (ara deposizzjoni tan-nutar Dr Kristen Dimech – fol. 135) bl-eccezzjoni ghal klawzoli numru 20 u 21[1]. Dawn jipprovdu ghal xoghol addizzjonali li kellhom jaghmlu l-vendituri fl-appartament oggett ta’ din il-kawza[2]. Xoghol iehor li kellu jsir u li dwaru sar ftehim verbali wara li gie ffirmat il-konvenju, kien it-tnehhija tal-katusi komuni li l-atturi kienu ghaddew mill-appartament. Xoghol li sar wara l-konvenju; *“Darba minnhom mort u sibt li l-katusi tad-drains kienu gew mghoddija xorta wahda minn taht l-art tul il-medda tal-flat tieghi kollu.”* (il-konvenuta – fol. 114).

3. “Min-naha tal-atturi xehedu Marco Attard (fol. 95) u Joseph Mercieca (fol. 84) u t-tnejn qalu li ma jiftakrux jekk kienux qalu lill-konvenuta li x-xoghol fil-partijiet komuni kien ser ikun lest sad-data tal-kuntratt. Peter Debono, habib tal-konvenuta u li kien prezenti meta gie ffirmat il-konvenju, xehed: *“**Jien staqsejt lill-vendituri jekk kienx bizzejjed tlett (3) xhur biex ilestu l-partijiet komuni u qaluli iva.** Il-konvenju kien ghal perjodu ta’ tlett (3) xhur. Ix-xoghol kellu jsir fir-rigward ta’ alterazzjonijiet mill-vendituri u dan dejjem qabel il-kuntratt.... Jiena staqsejthom lis-sidien jekk kien bizzejjed il-perjodu ta’ tlett (3) xhur. Qaluli iva u kien ghalhekk illi l-konvenju kien ghal tlett (3) xhur.”* (fol. 116).

4. “Jirrizulta li l-blokk bini kien diga’ lest meta l-atturi bieghu l-penthouse fi Block A b’kuntratt li sar fil-21 ta’ Marzu 2009 pubblikat min-nutar Dr Kristen Dimech (fol. 39). Tant hu hekk li f’dak il-kuntratt iddikjaraw li *“The penthouse and garage are being sold in shell form....”* (fol. 41). Mela zgur li sa dakinhar Block A kien tlesta *“in shell form”*. Il-perit Saviour Micallef, li kien responsabbli ghall-progett, ikkonferma li l-kontijiet li hareg igibu d-data tal-4 ta’ Mejju 2009 u fihom hemm inkluz il-kejl dwar bini tal-penthouse fil-blokk fejn jinsab l-appartament in kwistjoni. L-interpretazzjoni li pprovaw jaghtu l-atturi ghall-frazi ***“six (6) months after completion of the said block “A” in shell form”*** (klawzola 3 tal-konvenju), hi mgebbda u mhux reali. Il-logika tghidlek li kieku l-vendituri riedu li s-sitt xhur jiddekorru minn meta jsir il-kontrabejt, fil-konvenju kien jissemma dan espressament u mhux sempliciment *“shell form”*. Dan iktar iktar meta tiftakar li f’kuntratt li sar f’Marzu 2009 l-atturi kienu diga’ ddikjaraw li l-penthouse ta’ Blokk A, li hi l-ahhar sular fl-izvilupp, qeghda tinbiegh *“in shell form”*. Rilevanti wkoll kif f’dak il-kuntratt l-atturi kienu diga’ ntrabtu li jlestu x-xogholijiet fil-partijiet komuni sa l-ahhar ta’ Ottubru 2009.

---

[1] In-nutar Enzo Dimech li quddiemu gie ffirmat il-konvenju, xehed:- *"Nikkonferma illi l-konvenju kien standard form...... Il-klawzola numru tlieta (3) hi standard clause illi kien hemm fil-konvenju li nghatajt."* (fol. 88).

[2] *"20) Parties agree that the front window of the apartment, facing on the garage driveway, shall be extended to the maximum width possible while not affecting the structural integrity of the block. 21) The entrance to the front room of the block, shown better marked in green on the attached plan shall be formed into an archway.".*

5. “Sfortunatament dan hu dak li jigri meta l-affarijiet isiru bl-ghaggla u nuqqas ta’ dettall. Hu evidenti li n-nutar Refalo ma staqsiex lill-partijiet dwar klawzola numru tlieta (3) u ghalaq ghajnejh u kkopja minn specimen li nghatat lilu, u hadd mill-partijiet ma ndenja ruhu jattiralu l-attenzjoni ghal fatt li l-bini kien diga’ tlesta gebel u saqaf. Nuqqas iehor hu li fil-konvenju ma ssemmiex perjodu li fih kellhom jitlestew ix-xogholijiet li jissemmew fi klawzola numru 20 u 21.

6. “Ghalkemm qabel skada t-terminu tal-konvenju kien beda jsir xi xoghol fil-partijiet komuni, irrizulta li dan kien minimu u l-parti kbira kien ghadu ma bediex. Hekk per ezempju l-madum, tqeghid ta’ aperturi, u bieb ta’ barra. Fir-rigward tax-xoghol li nbeda hu evidenti li l-progress kien miexi bil-mod hafna. Hekk per ezempju s-sistema tal-elettriku, tlestija tal-hitan tal-partijiet komuni u rham tat-tarag. Meta jinqala’ dizgwid dwar jekk xerrej kienx gustifikat li jirrifjuta li jersaq ghall-att finali, jispetta lill-qorti biex tezercita d-diskrezzjoni wara li tezamina l-provi. F’dan il-kaz il-qorti tqies li l-konvenuta kienet gustifikata li tirrifjuta li tixtri l-proprjeta fid-data li kien jaghlaq il-konvenju, in kwantu irrizulta li sa dakinhar ftit li xejn kien sar xoghol fil-partijiet komuni. Ghalkemm bil-kunsens taz-zewg partijiet il-konvenju seta’ facilment jiggedded bi ftit xhur, madankollu l-konvenuta ma setghetx tigi mgieghla taghti l-kunsens taghha. L-istess il-partijiet setghu ftehemu billi l-prezz ma jithallasx kollu sakemm jitlesta x-xoghol. Pero dan ukoll kien rimedju prattiku li jitlob il-kunsens taz-zewg partijiet. Il-qorti ma tistax tippretendi lill-konvenuta li tonora l-ftehim u tixtri l-proprjeta meta x-xoghol kien ghadu ma tlestix. Wiehed jista jipprova jargumenta li fil-konvenju ma jinghadx li l-atturi kellhom l-ebda obbligu li jlestu l-partijiet komuni sad-data tal-kuntratt. Il-qorti hi tal-fehma li l-obbligi li wiehed jassumi f’konvenju ghandhom jitwettqu sal-gurnata li fiha ghandu jigi pubblikat l-att, u jistghu jitwettqu wara biss jekk il-konvenju jkun jipprovdi espressament.

7. “Inoltre, il-fatt li fl-10 ta’ Dicembru 2009 il-vendituri pprezentaw ittra ufficjali ma kienx bizzejjed sabiex jirbhu iktar zmien. Wiehed jista’ jipprova jargumenta li l-ittra ufficjali kellha l-effett li ggedded il-konvenju ghall-perjodu ta’ tletin gurnata ohra minn meta ghalaq iz-zmien tal-weghda. Din il-qorti ma taqbilx, gialdarba li sad-data meta kellu jigi pubblikat l-att kien ghadu ma tlestix ix-xoghol fil-partijiet komuni. L-att finali kellu jsir fl-10 ta’ Dicembru 2009 u gialadarba sa dakinhar il-vendituri kienu ghadhom ma onorawx l-obbligi kollha, ma kellhom l-ebda dritt li unilateralment jestendu l-effetti tal-konvenju billi jipprezentaw ittra ufficjali u jsejhu lill-konvenuta sabiex tixtri l-fond. Dan apparti li mill-provi rrizulta li sal-bidu ta’ Jannar 2010 ix-xoghol kien ghadu ma tlestix. Il-konvenuta kellha wkoll ragun dwar l-ilment tal-katusi li kienu tqieghdu fl-art tal-appartament li kienet ser tixtri hi. Fil-konvenju jissemmew biss katusi u pajpijiet li jridu jghaddu mill-btiehi, izda mhux mill-kumplament tal-appartament[3]. Il-konvenuta kellha kull dritt tinsisti li l-katusi jitnehhew qabel tixtri l-appartament.”

[3] *"The internal and back yards constitute an integral part of the apartment being sold hereon, which yards are however subject to the passageway of drains, pipes and other services servicing the overlying apartments/penthouses forming part of the same block from time to time as well as to the servitude of apertures and projections in favour of these same apartments/penthouses.”*.

**L-Appell**

3. Dan hu bazat fuq aggravju wiehed maqsum fi tlett partijiet. Fis-sustanza l-atturi jilmentaw li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi, kif ukoll li fil-konsiderazzjonijiet taghha dik il-Qorti marret lil' hinn minn dak espressament pattwit minnhom fil-konvenju de quo.

4. Jghidu li ghar-rigward tal-partijiet komuni indikati fil-klawsoli 20 u 21 tal-konvenju ma kienx hemm terminu stabbilit; li ghal dak li jirrigwarda x-xoghlijiet fil-partijiet komuni t-terminu ta' sitt xhur indikat fil-klawsola numru 3 ma kienx lahaq ghadda; u li x-xoghol li kellu jsir dwar il-katusi ma kienx jifforma parti mill-konvenju li kien jorbot iz-zewg partijiet u ghalhekk l-ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidrah.

5. Rigward ix-xoghlijiet indikati fil-klawzoli 20 u 21 din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sens li l-konvenju jorbot liz-zewg partijiet, u li, fl-assenza ta' ftehim espress li jghid il-kuntrarju, ghandu jitqies li x-xoghlijiet li kellhom jaghmlu l-atturi kellhom jitlestew sad-data ta' meta kellu jsir il-kuntratt. Din il-konsiderazzjoni tassumi aktar forza tenut kont ta' dak li qal Peter Debono, sensar u habib tal-attrici, fix-xhieda tieghu, meta fil-mument li kien qed isir il-konvenju huwa kien espressament enfasizza li x-xoghol indikat fil-konvenju kellu jsir fiz-zmien stipulat ta' tlett xhur[4]. Kien ghalhekk li gie mifthiem li l-konvenju kellu jkun ghal perjodu ta' tlett xhur. Dan jaghti

[4] Surpa – sent. Para.5

konfort shih lill-verzjoni sostnuta mill-konvenuta li hi riedet li x-xoghlijiet indikati fil-konvenju jkunu tlestew qabel ma jsir il-kuntratt. Din il-verzjoni tal-konvenuta ssib korroborazzjoni anke fix-xhieda tan-Nutar Enzo Refalo meta jghid li wara li kien gie ffirmat il-konvenju u meta kienet qed toqrob id-data tal-iskadenza tieghu hija kienet ghamlitha cara li ma kienitx ser tiffirma l-kuntratt jekk ix-xoghlijiet ma jkunux ghadhom lesti. Di fatti kienet ukoll ghamlet premura lin-nutar sabiex ir-ricerki li kellhom isiru da parti taghha jaghmilhom bil-fast track.

6. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti fir-rigward.

7. Il-premess japplika wkoll ghax-xoghlijiet elenkati fil-klawsola numru 3 tal-konvenju u li fit-termini tal-istess klawsola kellhom isiru *"..by not later than six [6] months after completion of the said block A in shell form."*[5]

8. Fl-ewwel lok jinghad li jirrizulta pacifiku li fid-data li fiha sar il-konvenju bejn il-partijiet, fl-10 ta' Settembru 2009, il-Block A kien diga` tlesta *"in shell form"* tant li permezz ta' kuntratt datat 21 ta' Marzu 2009 l-atturi kienu bieghu l-*penthouse* li tigi fuq nett tal-blokk lil terzi[6], ghalkemm il-kontrabejt kien ghadu ma sarx. Fit-tieni lok jinghad li jirrizulta mhux kontradett li t-torba u l-konkos sabiex isir il-kontrabejt ingabu fuq il-post fit-30 ta' Settembru u fl-1 ta' Ottubru 2009, u ghalhekk wara d-data tal-konvenju izda qabel l-iskadenza tieghu.

---

[5] Fol.7
[6] Fol.41 – klawzola 2 tal-kuntratt

9. It-tezi tal-atturi fir-rigward hija li l-perjodu ta' s-sitt xhur stipulat fl-imsemmija klawzola numru 3 beda jiddekorri minn Ottubru 2009, u ghalhekk kien jiskadi wara l-iskadenza tal-konvenju. Min-naha taghha l-konvenuta ssostni li l-ftehim bejn il-partijiet kien li x-xoghlijiet kollha kellhom isiru sad-data tal-iskadenza tal-konvenju. Issostni li, kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt tal-21 ta' Marzu 2009, f'dik id-data block A kien diga' lest gebel u saqaf, u allura l-perjodu ta' sitt xhur kellu jibda jiddekorri almenu minn dik id-data b'mod li allura kien jiskadi qabel id-data tal-10 ta' Dicembru 2009.

10. Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti, hi tal-fehma li f'dan il-kaz ma jistax validament jinghad li l-blokk, li minnu l-appartament de quo jifforma parti, ma kienx tlesta f'*"shell form"* semplicement ghax il-kontrobejt li kien iservi biss lill-penthouse ma kienx ghadu mqieghed. Ghal dak li jikkoncerna l-konvenuta l-blokk kien lest gebel u saqaf, u hija verosimili t-tezi taghha li fil-mument li fih sar il-konvenju l-intenzjoni taz-<u>zewg partijiet</u> kienet li, ladarba l-blokk kien lest gebel u saqaf, ix-xoghlijiet indikati fil-konvenju kellhom jitlestew sad-data tal-kuntratt. Il-verosimiljanza, u x-xhieda ta' Peter Debono taghti konfort shih lit-tezi tal-konvenuta.

11. Kif sewwa osservat l-ewwel Qorti l-interpretazzjoni li l-atturi pprovaw jaghtu lil din il-klawsola hija wahda imgebbda u ma tirriflettix dak li ftehmu l-partijiet. Huwa opportun li jinghad ghall-ahjar intendiment ta' dan il-gudizzju li

l-klawsola numru 3 kienet imdahhla fil-konvenju de quo bhala *standard clause.* Din kienet iddahlet fil-konvenji ta' bejgh-u-xiri u li kienu jirreferu ghax-xiri fuq il-pjanta ta' appartamenti fl-istess blokk meta allura dan kien ghadu qed jinbena.

12. Ghaldaqstant anke din il-parti hija infondata.

13. Rigward il-vertenza tal-katusi, din il-Qorti tosserva li l-katusi gew imqeghda u moghddijin fl-art tal-appartament tal-konvenuta wara li sar il-konvenju, u kien ghalhekk li fuq din ma kien hemm xejn fil-konvenju. Izda, mill-provi jirrizulta li meta l-konvenuta ndunat b'dak li kien gara hija pprotestat mal-atturi, u eventwalment kien sar ftehim verbali li sad-data tal-iskadenza tal-konvenju l-atturi kellhom inehhu l-katusi mill-appartament de quo, u minflok, jghadduhom mis-saqaf tal-basement li jigi taht l-art tal-istess appartament. Anke dan ix-xoghol ma kienx lahaq sar sad-data tal-iskadenza tal-konvenju.

14. L-atturi jghidu li din il-vertenza kienet tmur lil hinn minn dak espressament miftiehem fil-konvenju. Din il-Qorti tosserva li l-atturi m' ghandhomx ragun fir-rigward. Dak li kien espressament stipulat fil-konvenju rigwardanti servitujiet li kellhom jghaddu mill-proprjeta' tal-attrici kienu limitati ghall-bitha interna u dik ta' wara tal-appartment de quo. Kienu <u>dawn biss</u> li kienu soggetti ghas-servitu` tal-moghdija ta' *"drains, pipes and other services servicing the overlying apartments/penthouses forming part of the same*

*block.'"*[7] Ghaldaqstant meta l-atturi ad insaputa tal-konvenuta ghaddew pajpijiet minn taht l-art izda gol-appartament de quo, wara li kien sar il-konvenju huma kienu qed jagixxu kontra dak pattwit mill-partijiet fil-konvenju, u allura l-ftehim verbali li kien intlahaq bejniethom fis-sens li dawn jitnehhew minn hemm ma setax jigi injorat mill-ewwel Qorti, u l-osservazzjoni taghha li lanqas dan il-ftehim ma kienx lahaq gie onorat mill-atturi sad-data tal-iskadenza tal-konvenju kienet relevanti.

15. Ghaldaqstant anke din it-tielet parti hija nfondata.

16. Din il-Qorti tirribadixxi li, bhala qorti ta' revizjoni hija ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament li taghmel tal-fatti, jekk mhux fil-kaz ta' zball manifest, jew fil-kaz li l-provi jkunu juru mod iehor u li parti tkun ser issofri ingustizja manifesta. *Multo magis* meta bhal fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti semghet ix-xhieda jixhdu *viva voce* quddiemha, u meta allura kienet fl-ahjar pozizzjoni sabiex taghmel apprezzament tajjeb tal-provi mismugha minnha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi u ma tarax raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba dan l-apprezzament.

17. Ghadaqstant l-aggravju tal-atturi huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

[7] Fol.7

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell tal-atturi, u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ghandhom ikunu kollha a kariku tal-atturi.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------